TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 04/06

* Il- laqgħa Nru 04/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar L-Erbgħa 26 ta' Awissu 2009 fil-5.30pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Chev. P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Dr. O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

Is-Sur I. Dalli kien skużat.

*** Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 03/06 tad-29/07/09 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1** Is-Sindku qal li wara li tajna l-informazzjoni mitluba lid-Dipartiment Gvern Lokali dwar xogħlijiet ta' tiswija f'diversi toroq tal-lokalita', innutajna li mill-lista li ser tiġi ppubblikata mid-Dipartiment fil-gazzetti, ma kienx hemm it-toroq ta' Ħal Tarxien inklużi. Tiswija ta' Toroq

2.1.1 Infurmajna dwar dan lid-Dipartiment Gvern Lokali u insistejna li minħabba li x-xogħol kien tiswija estensiva ta' *major patching*, dan għandu jkun ukoll ikkonsidrat u jitniżżel fil-lista.

2.1.2 Wara ġejna nfurmati li dawn it-toroq ġew inklużi fil-lista ta' "Xogħlijiet fuq 162 Triq Lokali".

**2.2** Dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni fil-ġonna, is-Sindku qal li l-kuntrattur qed jimmeljora wara li tkellimna miegħu. Ġonna

2.2.1 Kompla jgħid li fi Ġnien Joanne għadu jintefa' fil-bins skart li mhux suppost, kif ukoll bċejjeċ ta' laħam jinten. Gnien Joanne

2.2.2 Dr. O. Caruana qal li għadda r-rapport dwar rimi ta' biċċiet tal-annimali fi Ġnien Joanne. (Ref. Art. 4.4)

2.2.3 Qal ukoll li parti mit-turf ta' Ġnien Ovindoli ġiet maħruqa u sar rapport lill-Pulizija u għaddilhom ukoll ritratti. Gnien Ovindoli

2.2.4 Is-Sindku issuġġerixxa li nitkellmu mal-kumpanija tal-*iSterling* għall-possibilta' ta' servizz ta' *wardens* pajżana.

**2.3** Dwar il-*plots* miftuħa is-Sindku qal li qed ninnutaw li qed jiżdiedi r-rapporti dwar infestazzjoni ta' ġrieden. Plots miftuhin

2.3.1 Is-Sur L. Bonavia qal li ser jitkellem dwar dan mal-Awtorita' tas-Sanita'.

**2.4** Dwar it-tisbiħ ta' sqaqien li Asfaltar Ltd jilħqu ftehim mal-kuntrattur li jimporta l-'*hard stone*', is-Sindku qal li sal-lum għad m'għandniex risposta. Kompla jgħid li ser nitolbu laqgħa maż-żewġ partijiet. Tisbih ta' sqaqien

**2.5** Is-Sindku qal li, fuq talba tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, infurmajnihom dwar li l-*bus shelter* fi Triq Palma għadu ma twaħħalx; il-*bus shelter* fi Triq il-Knisja għadu ma ġiex spostjat; filwaqt li dak ta' Triq Santa Marija għad ma sarlux id-dawl. Bus shelter

**2.6** Għadhom qed jidlu l-applikazzjonijiet għall-korsijiet fil-litteriżmu bażiku fil-Malti u Ingliż. Korsijiet

2.6.1 Il-Viċi Sindku ser jibgħat il-lista lid-Dipartiment konċernat.

**2.7** Dwar l-iskema "Xogħol fil-Komunita", is-Sindku qal li għalkemm iffirmajna kuntratt u l-iskema kellha tibda fil-bidu t'Awwissu, s'issa għad ma kellna ebda risposta x'ser isir. Xogħol fil-komunita'

**2.8** Dwar il-kampanja kompetizzjoni l-"Aktar Lokalita' Nadifa", is-Sindku qal li ħadd ma ressaq il-kummenti jew rakkomandazzjonijiet. L-aktar komunita' nadifa

2.8.1 Żied jgħid li hu kellu f'moħħu li l-Kunsill iqassam '*ashtrays'* li jistgħu jinżammu fuq il-persuna, imma dan ma setax jagħmlu minħabba li ż-żmien tal-għeluq tal-applikazzjon kien qasir wisq u ma kienx hemm ċans li jġib kwotazzjonijiet.

2.8.2 Kompla jgħid li, sadanittant, fil-gazzetta 'Il-Mument' deher artiklu li dan il-Kunsill hu wieħed minn għaxra li ma kellhomx l-interess f'din il-kompetizzjoni.

2.8.3 Saret diskussjoni fit-tul dwar dan, filwaqt li s-Sur L. Bonavia ikkummenta li s-sejħa kienet vaga u ma tiftiehemx eżatt x'riedu mill-Kunsill Lokali. Il-kriterji imsemmija f'Memo 47 "Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf" huma kollha jsiru kontinwament u m'hemm xejn ġdid.

2.8.4 Tindif isir regolari; l-indafa dejjem ninsistu fuqha; informazzjoni u kampanja edukattiva fil-Fuljett nippubblikaw; bring-in sites għandna; separazzjoni tal-iskart issir kull ġimgħa. Il-Kunsill ħaseb li jrid joħloq xi ħaġa innovattiva u mhux jikkompeti għal xi ħaġa li ssir regolari.

2.8.5 Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lid-Dipartiment u lis-Segr. Parlamentari Dr. Chris Said f'dan ir-rigward.

**2.9** Fuq osservazzjoni tas-Sur L. Bonavia, is-Sindku qabel li tħalla barra fil-lista tad-dekasteri tiegħu ir-responsabbilta' tad-"Delega fil-Kumitat Konġunt tal-LES". Din għandha tiżdied mal-lista. Lista tad-dekasteri

**2.10** Dwar l-iskema "*Energy Saving*" is-Sindku qal li l-fondi għal din l-iskema ġew riveduti u għalhekk issa minflok €5300 ser tammonta għall- €7400. Skeda 'Energy Saving'

2.10.1 Is-Sindku qal ukoll li ltqajna ma' rappreżentant tal-kumpanija li ppreparatilna l-applikazzjoni.

2.10.2 Ser noħorġu issa sejħa għall-offerti pubbliċi kif mitlub.

**2.11** Fuq rimarka tas-Sindku, is-Sur L. Bonavia skuża ruħu talli ma ppreżentax fil-ħin il-messaġġ u artiklu għall-fuljett. Messaġġi fil-Fuljett

2.11.1 Is-Sindku insista ma' kulħadd li l-materjal għandu jasal fil-ħin. Materjal ippreżentat wara l-ħin stabbilit mhux ser ikun ikkunsidrat fil-futur.

**2.12** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sistema tal-*Complaint Handling* li organizzajna qed taħdem u qed tħalli riżultati pożittivi. Jitlob biex din is-sistema tibqa' tiġi osservata. Complaint Handling

**2.13** Is-Sindku qal li kellna laqgħa mal-*Heritage Malta* dwar *ERDF Project* għat-Tempji li huma fondi li jammontaw għal 2 miljun ewro. Proġett għat-Tempji

**2.14** Dwar il-ħarġa għall-Catania, is-Sindku qal li din kienet suċċess u għaliha attendew 24 persuna. Harġa għal Catania

**2.15** Dwar il-każ ta' Ġnien Kunsill Lokali 2000, is-Sindku qal li ltqajna mal-kuntrattur u s-subkuntrattur dwar il-mandat ta' sekwestru fuq dan il-Kunsill minħabba argumenti li nqalgħu bejn iż-żewġ partijiet imsemmija fl-aħħar. Gnien K L 2000

2.15.1 Kompla jgħid li insistejna li joħroġ il-kontro mandat immedjatament inkella mhux ser ikun hemm il-ħlasijiet dovuti ladarba l-argumenti ma kienux mal-Kunsill Lokali; fil-fatt inħareġ il-kontro mandat uffiċċjali.

2.15.2 Is-Sindku żied jgħid li ħriġna wkoll lista ta' difetti li tfeġġew fuq il-graffiato u dawn ġew irranġati wkoll.

2.15.3 S'issa, għalkemm ġie mitlub, il-Perit għadu ma ħariġx iċ-ċertifikat li dawn issewwew.

2.15.4 Is-Sindku qal ukoll li meta iċċertifika x-xogħol kollu tal-proġett li ġie jammonta għal €78702, il-Perit ma żiedx il-*variations* li dwarhom konna qbilna. Iċ-ċertifikat tax-xogħol intbgħat lill-Awtorita' tad-Djar biex isir il-ħlas dovut, li effettivament sar kollu.

2.15.5 Madanakollu il-kuntrattur għadu qed jitlob li jsir il-ħlas ukoll tal-*variations* li dwarhom l-Awtorita' ma taf xejn.

2.15.6 Apparti dan kollu, is-Sindku qal li bejn il-kuntrattur u s-subkuntrattur tiegħu jeżistu wkoll *variations* li qed jintalab li jitħallsu.

2.15.7 Dan ifisser li l-Perit naqas li jara li dawn in-nuqqasijiet ma jissuċċedux, u ma evitax li l-Kunsill ma jsibx ruħu f'din is-sitwazzjoni.

2.15.8 Is-Sindku semma' wkoll li l-Perit qed ikun diffiċli li tikkomunika miegħu u lanqas għadu ma tagħna in-numru tal-applikazzjoni tal-MEPA għax-xogħol li jrid isir fil-lattrina pubblika.

2.15.9 Is-Sur L. Bonavia issuġġerixxa u l-Kunsill qabel nem. con. li tinħareġ ittra tan-nuqqas fis-servizz kontra l-Perit D. Falzon.

2.15.10 Sadanittant, il-Kunsill qabel unanimament li jsir il-ħlas dovut lill-kuntrattur fuq is-somma li diġa' kien hemm qbil dwarha, jiġifieri l-bilanċ ta' €40,439.

**2.16** Fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva nem. con. li kull 3 xhur jattendi *Accountant* kwalifikat sabiex jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv jipprepara l-*Quarterly Financial Report*, jagħti l-pariri neċessarji, kif ukoll fl-aħħar ta' kull sena finanzjazrja jipprepara l-*Financial Statements* li fuqhom għandu jsir l-awditjar. Dan minħabba li mill-Gvern Ċentrali qed jiżdiedu ċerti responsabiltajiet li jirrekjedu proċessi finanzjarji ikkomplikati. Ix-xogħol kollu l-ieħor relatat mal-finanzi jibqa' jsir mis-Segretarju Eżekuttiv. Accountant

**2.17** Is-Sindku irrefera għall-Memo 46/2009 dwar "Il-ftuħ tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt". Memo 46/2009

2.17.1 Kompla jgħid li kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll iż-żewġ Uffiċjali Eżekuttivi l-oħra m'għandhomx il-ħsieb li jidħlu jaħdmu nhar ta' Sibt.

**2.18** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ktibna lill-MEPA dwar l-area li qed tkun meħuda kollha għall-bini kuntrarjament għal dak diskuss rigward il-*policy* tal-istess MEPA "*South Area Local Plan*", *Mixed Development Area* – SMTA 02. South Area Local Plan

**2.19** Is-Sindku qal ukoll li ktibna lill-MEPA dwar it-twaqqih u kostruzzjoni mill-ġdid ta' bini fil-kantuniera ta' Triq Lanzon ma' Triq Paola fejn dan is-sit jinsab fil-UCA minħabba li dan il-bini kien jagħmel parti mill-Arkata Normanna u li tagħha għad hemm imwaħħal mal-faċċata motif ta' rużun ma' dik l-epoka. Twaqqih ta' bini fil-UCA

**2.20** Is-Sindku qal li waqt attivita' f'Bormla mis-Segr. Parlamentari Chris Said hu irċieva l-ammont ta' €466 bħala fondi addizjonali għal-librerija kif ukoll *voucher* ta' €100 f'kotba mill-*Midsea Books Ltd*, Klabb Kotba Maltin li diġa' ġie msarraf f'kotba. Fondi u donazzjoni għal-librerija

**2.21** Is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillieri L. Bonavia, K. Darmanin, Dr. O. Caruana ser jattendu għal-laqgħa tal-Kunsillieri nhar il-5/09/09. Laqgħa għall-Kunsillieri

**2.22** Is-Sindku ippropona u l-Kunsill qabel unanimament li l-ismijiet ta' Sqaq Brittaniku Nru 1, 2, u 3 jinbidlu għall-ismijiet ta' Trejqet Dr Karl Chircop, Dr. Jimmy Farrugia u W. R. Kappillan Dun Ċirillu Formosa rispettivament minħabba li dawn m'humiex sqaqien għaliex jinfdu kif ukoll minħabba li qed ikun hemm problemi ripetuti ta' żbalji fil-posta. Bdil ta' isem ta' sqaqien

Ser issir talba formali lill-*Street Naming Committee*.

**2.23** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Dipartiment Gvern Lokali idderiġina li l-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Domestiku għandu jiġi estiż b'xahar ieħor, jiġifieri sad-19 ta' Novembru li ġej minħabba li s-sejħa għall-offerti għandha ssir skond dokumenti maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti ibbażata fuq kriterji tal-UE. Estensjoni tal-kuntratt Ġbir ta' Skart Domestiku

Il-Kunsill qabel nem. con.

**2.24** Saret diskussjoni fit-tul dwar talba mingħand il-Pretoria Bar għal serata ta' għana f'Misraħ tas-Suq biex tingħalaq it-triq għat-traffiku nhar l-4 ta' Settembru bejn it-8pm u nofsillejl; jintrama *bar* barra u jitpoġġew imwejjed fit-triq. Serata ta' għana

2.24.1 Il-Kunsill irrimarka li din mhix xi Għaqda Kulturali u lanqas Filantropika imma individwi privati bi skop kummerċjali.

2.24.2 Il-Kunsill qabel unanimament li jekk jingħata l-permess ikun qed jinħoloq preċedent għal attivitajiet oħra privati kif ukoll li dan joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti.

2.24.3 Is-Sur L. Bonavia qal li, fl-opinjoni tiegħu, ma jara xejn ħażin għaliex din is-serata tista' titqies bħala attivita kulturali imma kummerċjali wkoll. Kompla jgħid li l-problema hi l-pożizzjoni tal-ħanut u li jingħalqu diversi toroq: (Triq Palma, Triq il-Kbira, Misraħ tas-Suq, Triq Sqajjaq, Triq Brittanika, Triq Xintill, u Triq Paola).

2.24.4 Is-Sindku qal li din it-talba ġiet imressqa wkoll lill-ADT minħabba r-rotta tal-karozzi tal-linja, li min-naħa tagħhom (ADT) reġgħet irreferithom għand il-Kunsill biex l-ewwel joħroġ il-permess mingħand il-Kunsill.

2.24.5 Il-Kunsill qabel unanimament li l-ewwel għandna nikkonsidraw l-interess tar-residenti.

2.24.6 Is-Sur L. Bonavia issuġġerixxa, u l-Kunsill qabel nem. con. li għandna nfasslu policy dwar x'permessi u fejn għandhom isiru attivitajiet pubbliċi, bl-iskop ewlieni li ma jinħoloqx inkonvenjent għall-pubbliku.

2.24.7 Is-Sindku qal li dwar il-każ tas-serata ser jitlob laqgħa mas-Supt. tal-Pulizija.

2.24.8 Is-Sur L. Bonavia ippropona li wara din l-laqgħa mal-Pulizija tissejjaħ Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill.

2.24.9 Il-Viċi Sindku irrimarka li l-implikazzjonijiet u l-problemi kollha kemm l-ADT u kemm il-Pulizija qed jerġa' jgħadduhom fuqna.

2.24.10 Is-Sindku ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mis-Sur L. Bonavia u l-Kunsill qabel unanimament li:

Minħabba li jista' jinħoloq preċedent u nkonvenjent għar-residenti minn attivitajiet bħal din; u minħabba li jridu jingħalqu fit-tul toroq arterjali u residenzjali li jaffettwaw speċjalment lil dawk li jużaw is-servizz tal-karozzi tal-linja, il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jaċċetta din l-applikazzjoni.

Madanakollu, attivitajiet simili jista' jsiru f'partijiet oħra tal-lokalita' fejn indikati mill-istess Kunsill.

**2.25** Il-Kunsill approva li jipparteċipa f'attivita' organizzata mill-għaqdiet tar-raħal b'risq il-festa parrokkjali nhar is-26 ta' Settembru wara 6.00pm bħala 'Notte Bianca' bl-isem 'Epoka'. EPOKA

**2.26** Ser issir laqgħa ma' TCTC dwar il-korsijiet tal-ECDL li mhux qed jingħataw skont kif reklamati bl-impressjoni li min japplika ser jieħu l-kors kollu. Ser jiġi diskuss ukoll il-għala min japplika għall-kors tal-*Beginners* li hu ssussidjat kollu kemm hu mill-Kunsill qed jintalab ħlas ieħor addizzjonali għal xi materjal. TCTC

**2.27** Intbgħatet ittra ta' ringrazzjament lill-ex membri tas-Sotto Kumitati tal-leġislazzjoni preċedenti. Ex Sotto Kumitati

## 3.0 Affarijiet Finanzjarji

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għall-servizzi u materjal li tammonta għall-€122,796.35 (App. 1), li ġiet iffirmata mis-Sindku.

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tagħhom fuq xogħol tal-Kunsill lis-

| | |
|---|---|
| Sindku | € 78.40 |
| Segr. Eżek. | € 76.80 |

**3.3** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-UIF tal-MEPA issa żdiedu għal €16862.82

## 4.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsill

**4.1** Il-Viċi Sindku F. Agius, il-Kunsilliera D. Vella, u l-Kunsillier K. Darmanin ippreżentaw il-Pjan ta' Ħidma tagħhom skont it-talba tas-Sindku. (App. 2, 3 u 4 rispettivament). Pjan ta' Ħidma

**4.2** Il-Kunsill approva nem. con. li l-persuni li isimhom jidher hawn taħt ikunu membri fis-Sotto Kumitat rispettiv tagħhom:

4.2.1 **Attivitajiet Kulturali** (Viċi Sindku – F. Agius)

Rennie Mercieca, Vivienne Abela, Martin Bartolo, Monika Zammit.

4.2.2 **Anzjani** (Sindku – Chev. P. Farrugia)

Dorothy Farrugia, Annette Micallef, Freda Vella, Doris Farrugia, Carmen Spiteri.

4.2.3 **Ħidma Soċjali** (Kunsilliera D. Vella)

Doris Scicluna, Emanuel Mifsud, Pauline Barber, MaryGrace Frendo, Carmel Bugeja, Ċikka Briffa.

4.2.4 **Żgħażagħ u Sports** (Kunsillier K. Darmanin)

Analise Fenech, Michael Cassar, Rebekah Tanti Dougall

4.2.5 **Ordni Pubbliku** (Kunsillier Dr. O. Caruana)

Michael Cassar, Joe Debono, Edith Debono.

**4.3** Is-Sur F. Agius qal li qed jiġbor min hu nteressat għall-ħarġa kulturali għal Jum il-Vitorja. Kuns. F. Agius

4.3.1 Qal ukoll li qed jiġbor il-lista ta' min hu nteressat li jattendi għall-kors tal-Malti u Ingliz Bażiku.

4.3.2 Il-Viċi Sindku qal li l-applikazzjonijiet għall-kors tal-Bizzilla u Ganutell għadhom lura.

4.3.3 Kompla jgħid li qed jirsisti li l-ktieb "*4 walks in a Village of Culture*" jibda jinbiegħ mill-ħwienet ukoll.

**4.4** Dr. O. Caruana qal li kellu laqgħa mal-iSpettur Mercieca fejn iddiskuta sorveljanza mal-ġonna pubbliċi u dwar il-każ ta' tfiegħ ta' biċċiet ta' annimali mejta fi Ġnien Joanne. Kuns. Dr. O. Caruana

**4.5** Is-Sur L. Bonavia qal li ser jitkellem ma' Anton Vella dwar id-direttorju ta' Small Businesses. Kuns. L. Bonavia

**4.6** Is-Sur K. Darmanin qal li qed jiġbor il-lista għall-ħarġa għall-Kemmuna. Kuns. D. Vella

4.6.1 Ser jattendi għall-Parlament taż-Żgħażagħ fis-16 ta' Settembru.

4.6.2 Ser ifassal regolamenti għall-Premju Żgħażugħ tas-Sena Tarxiniż u ser jippreżentahom fil-laqgħa li jmiss.

**4.7** Is-Sinj. D. Vella qalet li ser tippjana laqgħa tas-Sotto Kumitat għal Ottubru li ġej. Kuns. D. Vella

**4.8** Is-Sindku qal li qed jippjana laqgħat tas-Sotto Kumitat iżjed 'l quddiem sabiex jibdew jiġu organizzati attivitajiet.

## 5.0 Ħwejjeġ Oħra

**5.1** Is- Sur L. Bonavia irrimarka li quddiem il-pjazzetta Santa Marija jinsab arblu f'nofs il-bankina li qed ikun ta' nkonvenjent għall-pubbliku.

Is-Sindku qal li żmien ilu kien għamel rapport lil Enemalta dwar dan l-inkonvenjent.

## 6.0 Għeluq tal-Laqgħa

**6.1** Il-laqgħa ntemmet fid-8.50pm.

**6.2** Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2009 fil-5.30pm.

**M. L. Mallia** **P. Farrugia**
**Seg. Eżek.** **Sindku**
30/9/09